# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2024**

**Avviż Nru: 48/2024**
**Nru fuq il-Lista: 5**

**M Recruitment Limited (C64607)**

**vs**

**Prestige Hospitality Ltd (C83421)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi, mressaq fid-29 ta' Frar 2024[1], permezz ta' liema intalab li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-ammont ta' sebat elef, erba' mija, tnejn u disgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€7,492.94ċ) rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa.

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2024[2] .

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 4 tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2024[3], fejn s-soċjetà konvenuta naqset milli tattendi jew li tħejji risposta. Dakinhar instemgħet xhieda ta' Duncan Fenech, direttur tas-soċjetà attriċi[4].

Rat in-nota tas-soċjetà attriċi mressqa fit-13 ta' Ġunju 2024[5] fejn ġew annessi l-ittra uffiċjali msemmija fl-Avviż u l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2024[6]

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, is-soċjetà konvenuta għażlet li ma tweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas tirreġistra dehra fihom.

Illi f'din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-ammont ta' sebat elef, erba' mija, tnejn u disgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€7,492.94ċ) għax-xogħol imwettqa minnha, sostanzjata bid-dokumentazzjoni mressqa. Huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[7]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali

[3] Verbal relattiv jinsab a fol 13 tal-proċess.
[4] Din tibda a fol 14 tal-proċess.
[5] A fol 17 tal-proċess.
[6] A fol 29 tal-proċess.
[7] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et*,</u>** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell*

kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[8]. F'dan il-każ għandha tiġi wkoll mħaddna r-regola ewlenija li *omnia labor, optat premium*[9]. Dan il-prinċipju ma jistax jiġi faċilment skartat[10], għad li min qiegħed ikun qiegħed jitlob il-ħlas irid naturalment juri li x-xogħol ikun twettaq[11].

---

*Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm lattur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[8] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess is-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

[9] Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et,** (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghallprincipju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli talQorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun ilkwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak ilkwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti*". Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **James L. Hawkins vs Seasus Limited,** (App Ċiv Nru: 269/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-18 ta' Jannar 2024 fejn ġie mfakkar hekk: "*Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Marzu, 2023, fil-kawża fl-ismijiet Lecocqassociate Limited v. Audentia Capital SICAV p.l.c., fejn saret referenza għal ġurisprudenza ulterjuri fis-sens li, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta sservizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għal vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit (ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet Nicky Saliba v. Kunsill Lokali tan-Nadur).*"

[10] F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri bl-ismijiet **Improved Design Contractors vs Bellaviti & Improved Design Limited,** (Rik Nru: 201/2004) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2004.

[11] F'dan is-sens isir riljev għal dak li ġie mfakkar fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Mark Refalo *noe* vs European Insurance Group Ltd,** (App Ċiv Nru: 859/12/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 t'' Diċembru 2023 u ċioé: *"B'hekk, fuq is-saħħa tal-prinċipju li omnia labor optat premium, ma jista' jkun hemm ebda ħlas dovut lilu ġaladarba huwa ma ġabx prova li dak ix-xogħol tassew twettaq (ara Thomas Engelhardt nomine v. Hyperion Aviation Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2022)."*

Illi mix-xhieda ta' Duncan Fenech, direttur tas-soċjetà attriċi u mill-provi dokumentarji mressqa, din il-Qorti ssib li l-azzjoni ġiet ipprovata b'mod komplet. Naturalment, il-fatt li s-soċjetà konvenuta naqset milli tipprova xi forma ta' difiża ma tistax tkun ħaġa t'għajnuna għaliha. Kien fl-interess tagħha li tkun attiva f'dan il-proċeduri.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sebat elef, erba' mija, tnejn u disgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€7,492.94ċ), bl-imgħax legali mit-23 ta' Jannar 2024[12] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali bin-numru 23/2024[13], jitħallsu mill-konvenut.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[12] Data ta' notifika tal-ittra uffiċjali kif jidher *a tergo* ta' fol 18 tal-proċess. Għad li l-kwistjoni hija bejn żewġ intrapriżi kummerċjali, il-Qorti ma ssibx li jgħodd hawn il-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex s-soċjetà konvenuta qiegħda tiġi meqjusa bħala konsumatur.
[13] Kopja tinsab eżebita a fol 18 tal-proċess.